MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 882/2005

**ELV Engineering Services Ltd (C 18028)**

**Vs**

**Daniele Restuccia (ID 22532)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-societa attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas tmien mija u disa u disghin Liri Maltin u sittax il-centezmu (Lm899.16c) “danni minnha sofferti fil-perjodu meta l-konvenut kien impjegat maghha senjatament danni risultanti minn incident awtomobilistiku, liema incident kien unikament tort tal-konvenut”.

Ra r-risposta tal-konvenut li qal li t-talba ghandha tigi michuda ghaliex l-incident stradali gara waqt li l-konvenut kien qieghed jaqdi l-funzjonijiet tieghu mas-societa attrici.

Ra l-kontro talba fejn il-konvenut talab is-somma ta' Lm500 (jew somma verjuri) rappresentanti arretrati ta' paga, notice money u bonuses dovuti ghal perjodu meta kien impjegat.

Ra r-risposta tas-societa attrici li qal li l-ammont pretiz huwa esagerat u li s-societa attrici ddepositat mitejn u hamsa u tletin Lira (Lm235.00) b'cedola u "f'kwalsiasi kaz, dan l-ammont ghandu jigi pacut in parte ma l-ammont ta' Lm899.16 mitlub mill-attur".

Anthony Buttigieg ghas-societa attrici qal li s-societa attrici qieghda tippretendi li tithallas l-ammont mitlub minhabba diversi incidenti li kellu l-konvenut bil-vettura.

Denise Mifsud, impjegata mad-ditta attrici qalet li fil-presenza taghha Anthony Buttigieg kien talab lil konvenut biex ihallas id-danni u l-konvenut kien irrisponda "kollox sew pero talab li jinghata ftit cans ghax kellu ftit spejjez imbaghad ihallsu."

Gie esebit invoice minn Eurostar fl-ammont ta' Lm828.36 ghal-labour u parts in konnessjoni mal-vettura KIA BAF808.

Xehed il-konvenut li qal li habat fil-vettura ta' quddiemu.

Il-konvenut qal li kien qieghed jippretendi l-paga minghand is-societa attrici kif ukoll "notice". Il-konvenut cahad li fil-presenza ta' Denise Mifsud qal li kellu ihallas l-ammont. Hu qal li l-attur kien talbu ihallas mitt Lira Lm100 excess u meta mar ghand l-insurance qalulu li l-excess huwa ta' hamsa u ghoxrin Lira (Lm25). Jikkonferma li kellu tort fl-incident izda ma jaccettax li kellu ihallas kollox hu.

Anthony Buttigieg qal ukoll li l-konvenut kellu performance allowance izda ma kienx intitolat ghal istess ghaliex s-societa attrici kellha evidenza li "meta suppost kien post, kien post iehor". Kien hemm citazzjoni tal-wardens li jikkonferma dan.

Xehed Godfrey Cassar li qal li hu kien impjegat mas-societa attrici u meta l-ewwel iltaqa ma' Anthony Buttigieg dwar ix-xoghol dan l-istess Anthony Buttigieg ma kienx qallu dwar il-fatt li kien jippretendi li l-impjegat isuq vann u ma kien qallu xejn dwar jekk issir habta ikollhom ihallsu.

Xehed Paul Sciberras, rapprezentant ta' GasanMamo li qal li l-excess kien hamsa u ghoxrin (Lm25). F'dan il-kaz l-polza giet rinovata wara li sar l-incident u ghalhekk is-societa attrici kellha thallas ammont zejjed u l-excess. Ix-xhud ma kellux dettalji dwar jekk is-societa attrici kienet hallset jew le.

Ikkunsidra li ma hemmx dubju li l-incident gara tort tal-konvenut. Illi ma hemmx dubju li b'risultat tal-incident is-societa attrici sofriet danni. Illi s-societa attrici ma gabet ebda survey u lanqas rcevuti. Anthony Buttigieg pero ikkonferma li l-hsara, skond it-tellar jammonta ghal tmien mija u tmienja u ghoxrin Lira u sitta u tletin (Lm828.36c) (dan huwa konfermat mill-quote a fol. 23 tal-process). Anthony Buttigieg jghid li l-konvenut kellu ihallas hamsa u ghoxrin Lira (Lm25) excess u d-differenza huwa telf ta' no claim bonus. Illi x-xhud Sciberras ma qalx kemm tilfet is-societa attrici minhabba li tilfet il-no claims bonus.

Illi dwar il-kontro-talba l-konvenut qal li kellu jiehu arretrati u notice money. Illi l-konvenut naqas li jippresenta prospett biex juri ezattament kemm qieghed jippretendi.

Illi s-societa attrici kellha d-dover li thallas l-paga u f'kaz li l-konvenut ma jaccettax l-ammont offrut setghet tghaddi ghal depositu l-Qorti.

Illi fir-risposta tieghu l-konvenut ma ikkontestatx l-ammont ta' danni sofferti mis-societa attrici izda biss jghid li l-incident gara meta kien qed jahdem. Illi l-fatt li l-konvenut kien qed jahdem ghas-socjeta  ma jfissirx li ma ghandux ihallas ghad-danni li jikkaguna lis-socjeta attrici.

Illi l-konvenut jissotometti li ma kienx avzat li l-vettura ma kienitx assikurata bi polza comprehensive. Ma kien hemm ebda obbligu li s-societa attrici tiehu assikurazzjoni

comprehensive. Illi dan it-Tribunal jaccetta li l-ammont dovut huwa Lm828.36 u Lm25 excess. Ma hemmx provi bizzejjed dwar it-telf ta’ no claim bonus u ghalhekk l-konvenut ghandu ihallas lis-societa attrici l-ammont ta’ tmien mija u tlieta u hamsin Lira u sitta u tletin centezmu (Lm853.36c) .

Illi minn dan l-ammont l-konvenut ghandu dritt ma ihallasx l-ammont ta’ mitejn u hamsa u tletin Lira (Lm235) u cioe l-arretrati fil-paga. Il-konvenut ma gabx bizzejjed provi biex juri li kien intitolat ghal notice jew performance allowance.

Ghalhekk jilqa n-parti t-talba attrici, jilqa n-parti l-kontro-talba u jikkundanna lil konvenut biex ihallas lis-societa attrici l-ammont ta’ sitt mija u tmintax il-Lira u sitta u tletin (Lm618.36c). L-ispejjes jibqghu n-kwantu ghal ¾ ghal konvenut u ¼ ghas-societa attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------